



Kunsill Ewropew

Brussell, 20 ta' Marzu 2015
(OR. en)

EUCO 11/15

CO EUR 1
CONCL 1

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (19 u 20 ta' Marzu 2015)
– Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

I. UNJONI TAL-ENERĠIJA

1. L-UE hija impenjata li tibni Unjoni tal-Enerġija b'politika dwar il-klima li tħares 'il quddiem fuq il-bażi tal-qafas strateġiku tal-Kummissjoni li l-ħames dimensjonijiet tiegħu huma marbuta mill-qrib u reċiprokament rinforzanti (sigurtà tal-enerġija, solidarjetà u fiduċja; suq Ewropew tal-enerġija kompletament integrat; effiċjenza fl-enerġija li tikkontribwixxi għal moderazzjoni tad-domanda; dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija; u riċerka, innovazzjoni u kompetittività). L-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri ser imexxu l-ħidma 'l quddiem u l-Kunsill ser jirrapporta lill-Kunsill Ewropew qabel Diċembru. Il-Kunsill Ewropew ser ikompli jagħti gwida.
2. Waqt li jenfasizza l-importanza tad-dimensjonijiet kollha tal-Unjoni tal-Enerġija, illum, il-Kunsill Ewropew iffoka fuq xi wħud mill-aspetti u appella biex:
 - a) jitħaffu l-proġetti infrastrutturali, inklużi l-interkonnessjonijiet b'mod partikolari għar-reġjuni periferiċi, għall-elettriku u l-gass¹ sabiex jiġu żgurati s-sigurtà tal-enerġija u suq intern tal-enerġija li jaħdem sew;
 - b) tiġi implimentata b'mod sħiħ u rinfurzata b'mod rigoruż il-leġislazzjoni eżistenti tal-enerġija;
 - c) jiġi rinfurzat il-qafas legiſlattiv għas-sigurtà tal-provvista tal-elettriku u l-gass; is-sigurtà tal-enerġija tista' tissaħħaħ ukoll permezz ta' grilji robusti, żieda fl-effiċjenza fl-enerġija u billi jsir rikors għal riżorsi indiġeni kif ukoll għal teknoloġiji sikuri u sostenibbli b'livell baxx ta' karbonju;

¹ Il-ftehim reċenti ta' Franza, il-Portugall, Spanja, il-Kummissjoni u l-BEI huwa pass pożittiv biex jintlaħaq l-oġġettiv ta' 10% ta' interkonnessjonijiet tal-elettriku sal-2020; il-ftehim tal-Istati Baltiċi biex jipproċedu lejn operat sinkroniku tal-Istati Membri fin-Netzwerk Kontinentali Ewropew jikkontribwixxi wkoll għaż-żieda tas-sigurtà tal-enerġija, bħalma jikkontribwixxi wkoll il-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Konnettività tal-Gass fl-Ewropa Ċentrali u tax-Xlokk. F'dan il-kuntest, huwa inkuraġġut l-istabbiliment mill-Kummissjoni ta' Gruppi Reġjonali ta' Livell Għoli magħmul mill-atturi ewlenin rilevanti kollha biex jiżguraw monitoraġġ regolari tal-progress fl-għażla u l-finanzjament tal-Proġetti ta' Interess Komuni.

- d) tiġi żgurata konformità sħiħa mal-liġi tal-UE tal-ftehimiet kollha relatati max-xiri ta' gass minn fornituri esterni, b'mod partikolari bit-tiżi tat-trasparenza ta' dawn il-ftehimiet u l-kompatibbiltà mad-dispożizzjonijiet tal-UE dwar is-sigurtà tal-enerġija. Fir-rigward ta' kuntratti kummerċjali ta' provvista tal-gass, teħtieġ li tkun garantita l-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva;
- e) jiġu vvalutati l-opzjonijiet għal mekkaniżmi volontarji ta' aggregazzjoni tad-domanda f'konformità sħiħa mar-regoli tad-WTO u r-regoli tal-UE dwar il-kompetizzjoni;
- f) tiġi żviluppata struttura tas-suq aktar effettiva u flessibbli li għandha timxi id f'id ma' kooperazzjoni reġjonali mtejba, inkluż ma' pajjiżi ġirien, u tgħin biex tiġi integrata l-enerġija rinnovabbli, filwaqt li jiġi żgurat li l-intervent pubbliku jkun kompatibbli mas-suq intern u li d-dritt tal-Istati Membri li jiddeċiedu dwar it-taħlita tal-enerġija proprja tagħhom jiġi rispettati. Dan ser jgħin biex tingħata enerġija bi prezz aċċessibbli lill-familji u lill-industrija;
- g) tiġi rieżaminata u żviluppata leġislazzjoni dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet, l-effiċjenza fl-enerġija u l-enerġija rinnovabbli biex tinfed il-miri maqbula għall-2030; tiġi żviluppata sistema ta' governanza affidabbli u trasparenti;
- h) tiġi żviluppata strateġija għat-teknoloġija u l-innovazzjoni f'relazzjoni mal-enerġija u l-klima, inkluż pereżempju dwar il-ġenerazzjoni li jmiss ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, dwar il-ħażna tal-elettriku u l-ġbir u ħżin tad-diossidu tal-karbonju, dwar it-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija fis-settur tad-djar kif ukoll dwar it-trasport sostenibbli;
- i) jiġu użati l-istrumenti kollha ta' politika esterna biex jistabilixxu sħubijiet strateġiċi tal-enerġija ma' pajjiżi produttori u ta' transitu dejjem aktar importanti, b'mod partikolari bil-ħsieb li tiġi promossa is-sigurtà tal-enerġija, filwaqt li jiġi żgurat li s-sovranità u d-drittijiet sovrani tal-Istati Membri li jesploraw u jżviluppaw ir-riżorsi naturali tagħhom jiġu mħarsa.

3. Il-Kunsill Ewropew jappoġġa azzjoni b'saħħitha u kkoordinata permezz ta' diplomazija attiva Ewropea dwar il-klima qabel il-COP21 f'Pariġi, f'konformità mal-objettiv ambizzjuż stabbilit mill-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2014 kif rifless fil-kontribut ippreżentat reċentement mill-UE u l-Istati Membri tagħha. Huwa jħeġġeġ lill-partijiet kollha li huma f'pożizzjoni li jagħmlu dan, inklużi l-ekonomiji maġġuri, biex jippreżentaw il-kontributi tagħhom sal-aħħar ta' Marzu. Jinħtieġ ukoll li tiġi intensifikata l-ħidma dwar soluzzjonijiet ta' finanzjament, trasferiment ta' teknoloġija u l-bini tal-kapaċità, li huma kwistjonijiet ewlenin fid-dawl ta' ftehim ambizzjuż f'Pariġi.

II. SEMESTRU EWROPEW / TKABBIR U IMPJIEGI

4. Il-Kunsill Ewropew kellu skambju ta' fehmiet dwar is-sitwazzjoni ekonomika fl-Ewropa u dwar l-implimentazzjoni ta' riformi strutturali ewlenin li għalihom impenjaw ruħhom l-Istati Membri. Huwa approva t-tliet pilastri prinċipali tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir (investment, riformi strutturali u konsolidazzjoni fiskali li tiffavorixxi t-tkabbir) u stieden lill-Istati Membri biex jirriflettaw dawn il-prijoritajiet fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma u l-Programmi ta' Stabbiltà jew Konverġenza li jmiss tagħhom.
5. L-approċċ ġenerali milħuq mill-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (EFSI) huwa pass importanti lejn ftehim mill-koleġislaturi dwar l-att legiſlattiv sa Ġunju, sabiex l-EFSI jkun operazzjonali b'mod sħiħ minn nofs l-2015. Jeħtieġ li l-kooperazzjoni bejn il-Grupp tal-BEI u l-banek promozzjonali nazzjonali tissaħħa u l-EFSI għandu jikkomplementa u jkun addizzjonali għal programmi tal-UE u attivitajiet tradizzjonali tal-Grupp tal-BEI li huma diġà għaddejjin.
6. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta s-sitwazzjoni attwali fin-negożjati mal-Istati Uniti dwar it-TTIP. L-UE u l-Istati Uniti għandhom jagħmlu l-isforzi kollha biex jikkonkludu n-negożjati dwar ftehim ambizzjuż, komprensiv u ta' benefiċċju reċiproku sal-aħħar tas-sena. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom iżidu l-isforzi biex jikkomunikaw il-benefiċċji tal-ftehim u biex isaħħu t-trasparenza u d-djalogu mas-soċjetà ċivili.

III. RELAZZJONIJIET ESTERNI

Politika Ewropea tal-Viċinat

7. Ir-reviżjoni li għaddejja bħalissa tal-Politika Ewropea tal-Viċinat għandha tiżgura involviment kontinwu u profund tal-UE kemm mas-sħab tal-Lvant u dawk tan-Nofsinhar. Il-Kunsill Ewropew ser ikollu diskussjoni usa' dwar il-Viċinat tan-Nofsinhar f'Ottubru. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew laqa' l-laqgħa ministerjali li għandha ssir f'Barcellona fit-13 ta' April li ser tipprovdi opportunità unika biex jinstemgħu l-fehmiet ta' sħabna tan-nofsinhar.

Summit tas-Sħubija tal-Lvant f'Riga

8. L-UE hija impenjata bis-sħiħ għas-Sħubija tal-Lvant. Hija ser issaħħaħ, b'mod differenzjat, ir-relazzjonijiet ma' kull wieħed mis-sitt sħab tagħha. Għandhom isiru sforzi partikolari biex titmexxa 'l quddiem il-kooperazzjoni fil-bini tal-istat, il-mobbiltà u l-kuntatti bejn il-persuni, l-opportunitajiet tas-suq u l-interkonnessjonijiet. Il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess ir-ratifika l-aktar bikrija possibbli mill-Istati Membri kollha tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni/Żoni ta' Kummerċ Ħieles Approfonditi u Komprensivi (AAs/DCFTAs) mal-Georgia, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukrajna.

Russja/Ukrajna

9. Il-Kunsill Ewropew appella lill-partijiet kollha biex jimplementaw b'mod sħiħ u b'mod rapidu l-ftehimiet ta' Minsk u jonoraw l-impenji tagħhom, u enfasizza r-responsabbiltà tal-awtoritajiet Russi f'dan ir-rigward. L-UE tinsab lesta li tappoġġa dan il-proċess, b'mod partikolari fir-rigward tal-abbiltà u l-kapaċità tal-OSKE li tissorvelja l-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' Minsk, u ser tkompli bl-isforzi fil-proċessi trilaterali dwar l-enerġija u l-implimentazzjoni tad-DCFTA bejn l-UE u l-Ukrajna.
10. Il-Kunsill Ewropew qabel li t-tul ta' żmien tal-miżuri restrittivi kontra l-Federazzjoni Russa adottati fil-31 ta' Lulju 2014 u msaħħa fit-8 ta' Settembru 2014, għandu jkun marbut b'mod ċar mal-implimentazzjoni sħiħa tal-ftehimiet ta' Minsk, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li dan hija prevista biss sal-31 ta' Diċembru 2015. Id-deċiżjonijiet neċessarji ser jittieħdu fix-xhur li ġejjin. Il-Kunsill Ewropew jinsab lest li jieħu aktar miżuri jekk ikun meħtieġ.

11. Il-Kunsill Ewropew ma jirrikonoxxix u jkompli jikkundanna l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol mill-Federazzjoni Russa u ser jibqa' impenjat li jimplimenta b'mod sħiħ il-politika tiegħu ta' nonrikonoxximent.
12. L-UE ser tkompli tappoġġa l-proċess ta' riforma tal-Ukrajna, flimkien ma' donaturi oħra u f'konformità mal-kondizzjonalità tal-FMI. Il-Kunsill Ewropew appella biex it-tielet pakkett ta' Assistenza Makrofinanzjarja għall-Ukrajna jiġi adottat bħala kwistjoni ta' urġenza. Huwa rrikonoxxa l-isforzi ta' riforma li l-gvern tal-Ukrajna għamel s'issa u talbu jintensifika aktar il-ħidma tiegħu.
13. Il-Kunsill Ewropew enfasizza l-hteġa li jkun hemm rispons għall-kampanji Russi ta' diżinformazzjoni li għaddejjin u stieden lir-Rappreżentant Għoli biex, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE, tħejji pjan ta' azzjoni sa Ġunju dwar komunikazzjoni strateġika. L-istabbiliment ta' tim ta' komunikazzjoni huwa l-ewwel pass f'dan ir-rigward.

Libja

14. Il-kriżi fil-Libja hija sfida serja għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali li teħtieġ l-attenzjoni sħiħa tal-UE. Il-Kunsill Ewropew appella għal waqfien mill-ġlied immedjat u bla kondizzjonijiet u biex il-partijiet Libjani jaqblu malajr dwar Gvern ta' Unità Nazzjonali. Soluzzjoni politika biss tista' tipprovi triq sostenibbli lejn transizzjoni demokratika. L-UE hija impenjata fl-isforzi li għaddejjin tan-NU u ser issaħħaħ l-appoġġ attwali tagħha lill-UNSMIL u l-proċess ta' unità. Hija tfaħħar il-ħidma tar-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU.
15. Hekk kif jinstab ftehim biex jiġi ffurmat Gvern ta' Unità Nazzjonali, l-UE tinsab lesta, mal-pajjiżi fir-reġjun u s-sħab internazzjonali, biex tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tiegħu billi tagħmel użu sħiħ mill-istrumenti kollha tagħha. Ir-Rappreżentant Għoli ser tippreżenta proposti kif maqbul fil-Kunsill fis-16 ta' Marzu 2015. L-UE ser tintensifika l-impenn tagħha dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu fir-reġjun, mas-sħab rilevanti.

16. Il-Kunsill Ewropew jiddeplora t-telf tal-ħajjiet li għadu għaddej tal-migranti fuq il-baħar, li żdied sewwa bil-preżenza organizzata ta' dawk li jiffaċilitaw l-immigrazzjoni illegali u t-traffikanti tal-bnedmin. L-implimentazzjoni tal-azzjonijiet, maqbula mill-Kunsill f'Ottubru 2014 biex jiġu ġestiti aħjar il-flussi migratorji, issa għandhom jiġu intensifikati, inkluż permezz tat-tisħiħ ta' Triton, l-Operazzjoni tal-Frontex fil-Mediterran Ċentrali. Jinħtieġ sforz iżjed koordinat biex jiżdied l-appoġġ tal-UE għall-pajjiżi ta' oriġini u ta' transitu. Il-ħtieġa li l-migrazzjoni tiġi ġestita kif support tikkonċerna lill-UE kollha kemm hi. Għalhekk il-Kunsill Ewropew jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li f'Mejju tippreżenta Aġenda Ewropea għall-Migrazzjoni mfassla skont l-oġettivi ta' politika effettiva dwar l-asil, ġestjoni tajba tal-migrazzjoni regolari, il-ġlieda kontra l-migrazzjoni illegali u l-prevenzjoni ta' tagħha u s-sigurtà tal-fruntieri esterni.
17. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tissorvelja s-sitwazzjoni mill-qrib ħafna fuq il-post matul ix-xhur li ġejjin.

*

* *

Il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern approvaw il-proposta tal-President Tusk li s-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN ikun is-Segretarju Ġenerali li jmiss tal-Kunsill, u stiednu lill-Kunsill biex jipproċedi bil-ħatra formali mill-aktar fis possibbli.